**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRMINALI**

**Maġistrat Dr. Noel Bartolo**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

ILLUM 13 TA' SETTEMBRU 2021

**Il-Pulizija**
**(Uffiċjal Prinċipali ta' l-Immigrazzjoni)**
**(Spettur Karl Roberts)**

**vs.**

**Mohamad Hamed Mohamad 254360A**

**Kump. Numru: 597/2021**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat **Mohamad Hamed Mohamad, detentur tan-numru tal-Karta tal-Identita Maltija bin-numru 254360A,** akkużat talli:

1. Fl-11/09/2021 u/jew fix-xhur ta' qabel f'dawn il- Gzejjer ta' Malta, bil-hsieb illi jaghmel xi qliegh li jkun, ghen, assista, ta' parir jew habbrek biex persuni ohra jidhlu jew jaghmlu tentattiv biex jidhlu jew johorgu jew jghaddu minn jew jaghmlu tentattiv biex johorgu minn Malta bi ksur tal-ligijiet ta'Malta, jew li sew f'Malta sew barra minn Malta kkongura f'dak is-sens ma xi persuni ohra , u dan bi ksur tal-Kap 9 art 337A tal-ligijiet ta' Malta.

2. U aktar talli fl-istess perjodu lok u cirkostanzi ghen jew assista lil xi persuna biex tinzel l-art jew tittanta tinżel l-art f'Malta, jew li toqghod gewwa Malta, kontra d-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, jew lil xi persuna biex tinzel l-art jew tittanta tinzel l-art jew li toqghod gewwa, jew li titlaq minn xi Stat iehor bi ksur tal-ligi dwar id-dhul, ir-residenza u l-hrug ta' dak l-Istat, jew tahbi jew taghti kenn lil xi persuna lit kun taf, jew ikollha tassew, ghax tahseb, lit kun qieghda f'Malta kontra d-disposizzjonijiet ta' dan l-Att bi ksur tal-Kap 217 art 32 (1A) tal-Ligijiet ta' Malta.

3. U aktar fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta' tagħrif falz, u dana bi ksur ta' l-artikolu 188 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. U aktar fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, iddenunzja lill-Awtoritajiet rispettivi u cioe' lil Pulizija ta Malta reat liema reat taf li ma sarx inkella bil-qerq holoq tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar u dana bi ksur ta'l-artikolu 110(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex, f'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skond il-liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti proċesswali kollha.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tiegħu sabiex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja (Dok. "KR 9" – a fol. 21).

Rat li, meta sar l-eżami tal-imputat, l-imputat ta l-kunsens tiegħu sabiex il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja (a fol. 26).

Semgħet, waqt is-seduta tallum, lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u semgħetu jikkonferma l-ammissjoni tiegħu anke wara li l-Qorti tagħtu żmien jikkunsidra l-pożizzjoni tiegħu.

Semgħet is-sottomissjonijiet dwar il-piena idonea li għandha tiġi nflitta fil-konfront tal-imputat u dana fir-rigward tal-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tiegħu.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u dawn għalhekk ġew sodisfaċentement pruvati.

Illi, meta tiġi biex tikkunsidra l-piena li għandha tiġi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: il-fedina penali tal-imputat (Dok. "KR 5" – a fol. 17) u l-ammissjoni bikrija tiegħu minn naha l-waħda iżda wkoll in-natura tal-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat li l-Qorti tqis li huma ta' natura serja essendo rejati li jolqtu s-sigurta' tal-Istat u kif ukoll l-insenjamenti tal-Qorti tal-Appell Kriminali partikolarment dawk enuncjati fis-sentenza fl-ismijiet *Il-Pulizija vs Hamada Wajeeh Mohamed Taha Almobayed* (Appell Numru 248/20) deċiż fid-9 ta' Frar 2021, minn naħa l-oħra.

Il-Qorti qieset ukoll il-fatt ta' kif l-imputat ipprova jgħatti xturu billi, meta sar jaf li l-persuna li lilu kien ta l-passaport u dokumenti ta' vjaggar relattivi kienet inqabdet mill-ufficjali tal-immigrazzjoni, huwa mar minnufih jagħmel rapport lill-Pulizija daqslikieku huwa kien tilef tali passaport u dokumenti u kien proprju hawn fejn huwa inqabad mill-Pulizija u ġie arrestat.

Għal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 337A, 188 (1), 110(2) u 17(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u Artikolu 32 (1)(a) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat **Mohamad Hamed Mohamad** ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u tikkundannah ghal perijodu ta' tlitt (3) snin priġunerija.

Fir-rigward tat-talba tal-Prosekuzzjoni kif kontenuta fiċ-*charge sheet* fejn il-Qorti ġiet mitluba sabiex, f'każ ta' ħtija, tikkundanna lill-imputat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tiċħad tali talba stante li ma jirriżultax li gew imqabbda l-ebda esperti jew periti fil-proċeduri.

____________________

**Dr. Noel Bartolo**
**Maġistrat**

____________________

Mario Spiteri
Deputat Reġistratur